MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

**ADVANCED MATRICULATION LEVEL**
**2024 FIRST SESSION**

| | |
|---|---|
| SUBJECT: | **Religious Knowledge** |
| PAPER NUMBER: | I |
| DATE: | 25th May 2024 |
| TIME: | 9:00 a.m. to 12:05 p.m. |

## THE SCRIPTURE AND THE CREED

Answer **THREE** questions: **ONE** from **each** section and a **THIRD** from any section.
All questions carry equal marks.

### SECTION A: THE CHRISTIAN BIBLE

1. Discuss the development of the sense of identity of the people of God in the Old Testament, and how the New Testament emphasizes the continuity between this Old Testament people and the Christian Church in different ways.

2. The first pages of the Old Testament recount the creation of the world. Discuss the notion of God as creator, and how this notion is presented in the Historical books, the Prophetic books, and the books of Wisdom.

3. Discuss the Babylonian exile as part of the greater narrative that reveals God’s nature and plan.

4. “He is not here; for he has risen” (Mt 28:6). By referring to common elements in the resurrection narratives, discuss how the Resurrection was an experience of faith and hope for the disciples.

### SECTION B: THE CREED

5. Saint Thomas Aquinas wrote: “Believing is an act of the intellect assenting to the divine truth by command of the will moved by God through grace.” Elaborate on this statement about faith.

6. The word “Tradition” refers to both the content of teaching and the action of passing the body of teachings to others. Discuss.

7. Various theologians and philosophers have argued for the existence of God and demonstrated how this could be proven. By referring to a philosopher **OR** a theologian of your choice, discuss their argument to prove the existence of God.

8. “Death puts an end to human life as the time open to either accepting or rejecting the divine grace manifested in Christ” (CCC, 1021). Discuss this particular judgement **AND** the last judgement, in view of the Christian hope of eternal life.

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2024**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **It-Tagħlim Reliġjuż** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 25 ta' Mejju 2024 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m. |

## L-ISKRITTURA U L-KREDU

Wieġeb **TLIET** mistoqsijiet: **WAĦDA** minn **kull** taqsima u t-**TIELET** waħda minn liema taqsima li trid. Il-mistoqsijiet kollha għandhom l-istess marki.

### TAQSIMA A: IL-BIBBJA

1. Iddiskuti l-iżvilupp tas-sens ta' identità tal-poplu t'Alla tat-Testment l-Antik, u kif it-Testment il-Ġdid jenfasizza l-kontinwità bejn dan il-poplu tat-Testment l-Antik u l-Knisja Nisranija b'modi differenti.

2. L-ewwel paġni tat-Testment il-Qadim jirrakkontaw il-ħolqien tad-dinja. Iddiskuti l-kunċett ta' Alla bħala Ħallieq, u kif dan huwa ppreżentat fil-kotba Storiċi, Profetiċi, u tal-Għerf.

3. Iddiskuti l-eżilju ta' Babilonja bħala parti mir-rakkont li jiżvela n-natura u l-pjan t'Alla.

4. "Mhuwiex hawn, għaliex qam," (Mt 28:6). Billi tagħmel referenza għall-elementi komuni fin-narrattivi tal-qawmien, iddiskuti kif il-Qawmien kien esperjenza ta' fidi u tama għad-dixxipli.

### TAQSIMA B: IL-KREDU

5. San Tumas t'Akwinu kiteb: "It-twemmin huwa att tal-intellett li japprova l-verità divina bil-kmand tar-rieda mmexxija minn Alla permezz tal-grazzja." Elabora fuq din id-dikjarazzjoni dwar il-fidi.

6. Il-kelma "Tradizzjoni" tirreferi kemm għall-kontenut tat-tagħlim kif ukoll għall-azzjoni li tgħaddi t-tagħlim lil ħaddieħor. Iddiskuti.

7. Diversi teologi u filosofi argumentaw dwar l-eżistenza ta' Alla u kif dan jista' jiġi ppruvat. Agħmel referenza għal filosfu **JEW** teologu tal-għażla tiegħek, iddiskuti l-argument tagħhom sabiex tapprova l-eżistenza ta' Alla.

8. "Il-mewt ittemm il-ħajja tal-bniedem bħala ż-żmien li fih jista' jilqa' jew jiċħad il-grazzja ta' Alla li dehret fi Kristu" (KKK, 1021). Iddiskuti dan l-ġudizzju partikolari **U** l-ġudizzju universali, fid-dawl tat-tama Nisranija tal-ħajja ta' dejjem.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Università ta' Malta

MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

**ADVANCED MATRICULATION LEVEL**
**2024 FIRST SESSION**

| | |
|---|---|
| SUBJECT: | **Religious Knowledge** |
| PAPER NUMBER: | II |
| DATE: | 25th May 2024 |
| TIME: | 4:00 p.m. to 7:05 p.m. |

## LITURGY AND CHRISTIAN MORALITY

Answer **THREE** questions: **ONE** from **each** section and a **THIRD** from any section.
All questions carry equal marks.

### SECTION A: LITURGY AND THE SACRAMENTS

1. Discuss the various meanings of the term 'liturgy,' with emphasis on the experience of the Mass.

2. The synodal practice of the Church underscores the importance of an ecclesial reality within which each member of the Church is a participant. Indeed, "the entire People of God shares a common dignity and vocation through Baptism. All of us are called in virtue of our Baptism to be active participants in the life of the Church" (Synod of Bishops, 2021). Discuss with reference to the liturgical practice of the Church.

3. "A sacramental celebration is woven from signs and symbols. In keeping with the divine pedagogy of salvation, their meaning is rooted in the work of creation and in human culture, specified by the events of the Old Covenant and fully revealed in the person and work of Christ" (CCC, 1145). Discuss this phrase with reference to signs and symbols associated with it.

4. "Those who approach the sacrament of Penance obtain pardon from God's mercy for the offence committed against him, and are, at the same time, reconciled with the Church which they have wounded by their sins and which by charity, by example, and by prayer labours for their conversion" (*Lumen Gentium*, 11). Discuss.

### SECTION B: CHRISTIAN MORALITY

5. The Encyclical *Veritatis Splendor* (1993) speaks about the role of the Church's moral teaching in "... recalling certain fundamental truths of Catholic doctrine which, in the present circumstances, risk being distorted or denied"(par. 4). Discuss, with particular reference to the Church's teaching on Christian morality.

6. "Catholic marriage and family life ministry serves all married couples and families by proclaiming the love of God to them and helping them embrace their vocation to love and discipleship" (United States Conference of Catholic Bishops, 2021). Discuss with reference to the complex realities of contemporary family life.

7. "Peace is not merely the absence of war, and it is not limited to maintaining a balance of powers between adversaries. Peace cannot be attained on earth without safeguarding the goods of persons, free communication among men, respect for the dignity of persons and peoples, and the assiduous practice of fraternity. Peace is the 'tranquillity of order'" (CCC, 2304). Discuss.

8. In light of the actions of the early Church, the Second Vatican Council sought to establish a dialogue between the Church and the contemporary world. Discuss the implications of this dialogue in our times.

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2024**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **It-Tagħlim Reliġjuż** |
| KARTA NUMRU: | II |
| DATA: | 25 ta' Mejju 2024 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-7:05 p.m. |

# IL-LITURĠIJA U L-MORALITÀ NISRANIJA

Wieġeb **TLIET** mistoqsijiet: **WAĦDA** minn **kull** taqsima u t-**TIELET** waħda minn liema taqsima li trid. Il-mistoqsijiet kollha għandhom l-istess marki.

## TAQSIMA A: IL-LITURĠIJA U S-SAGRAMENTI

1. Iddiskuti d-diversi tifsiriet tat-terminu 'liturġija,' b'enfasi fuq l-esperjenza tal-Quddiesa.

2. Il-prattika sinodali tal-Knisja tenfasizza l-importanza ta' realtà ekkleżjali li fiha kull membru tal-Knisja jkun parteċipant. Tabilħaqq, "il-Poplu ta' Alla, kollu kemm hu jaqsam id-dinjità u l-vokazzjoni komuni permezz tal-Magħmudija. Ilkoll kemm aħna msejħin permezz tal-Magħmudija tagħna biex inkunu parteċipanti attivi fil-ħajja tal-Knisja" (Sinodu tal-Isqfijiet, 2021). Iddiskuti b'referenza għall-prattika liturġika tal-Knisja.

3. "Ċelebrazzjoni liturġika tintiseġ b'ħafna sinjali u simboli. Skond il-mod kif Alla jgħallimna ħa niksbu s-salvazzjoni, it-tifsir ta' dawn is-sinjali u ta' dawn is-simboli għandu l-għeruq tiegħu fil-ħolqien u fil-kultura tal-bniedem, għandna ħjiel tiegħu fil-ġrajjiet tal-Patt il-Qadim, u jidher sħiħ fil-persuna u l-ħidma ta' Kristu" (KKK, 1145). Iddiskuti din il-frażi b'referenza għas-sinjali u s-simboli marbutin magħha.

4. "Dawk li jersqu għas-sagrament tal-Qrar jirċievu mill-ħniena ta' Alla l-maħfra tal-offiżi li għamlulu u fl-istess ħin jirrikonċiljaw ruħhom mal-Knisja li huma darbu bi dnubiethom u li tgħinhom jikkonvertu bl-imħabba, bl-eżempju u bit-talb tagħha." (*Lumen Gentium*, 11). Iddiskuti.

## TAQSIMA B: IL-MORALITÀ NISRANIJA

5. L-Enċiklika *Veritatis Splendor* (1993) titkellem dwar l-irwol tat-tagħlim morali tal-Knisja sabiex "... jiġu mfakkra ċerti veritajiet fundamentali tad-duttrina Kattolika li fiċ-ċirkustanzi preżenti, qed jirriskjaw li jiġu miċħuda jew ma jkunux kompleti" (par. 4). Iddiskuti, b'referenza partikolari għat-tagħlim tal-Knisja dwar il-moralità Nisranija.

6. "Il-ministeru taż-żwieġ Kattoliku u tal-ħajja tal-familja jaqdi lill-koppji miżżewġin u lill-familji kollha billi jxandar l-imħabba ta' Alla lilhom u jgħinhom iħaddnu l-vokazzjoni tagħhom għall-imħabba u d-dixxipulat" (Konferenza tal-Isqfijiet Kattoliċi tal-Istati Uniti, 2021). Iddiskuti billi tagħmel referenza għar-realtajiet kumplessi tal-ħajja tal-familja tal-lum.

7. "Il-paċi m'hijiex biss nuqqas ta' gwerra u lanqas hi tfittix biex dawk li huma kontra xulxin ikollhom forzi ndaqs. Ma jistax ikun hemm paċi fuq l-art jekk ma jkunx hemm ħarsien tal-ġid tal-persuni, relazzjonijiet bla xkiel bejn il-bnedmin, rispett tad-dinjità tal-bnedmin u tal-popli, u l-imġiba mimlija ħeġġa għall-imħabba ta' l-aħwa. Il-paċi hi 'l-kwiet tal-ordni'" (KKK, 2304). Iddiskuti.

8. Fid-dawl tal-azzjonijiet tal-Knisja tal-bidu, il-Konċilju Vatikan II fittex li jistabbilixxi djalogu bejn il-Knisja u d-dinja kontemporanja. Iddiskuti l-implikazzjonijiet ta' dan id-djalogu fi żminijietna.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.